

Brussell, 29 ta' Novembru 2021
(OR. en)

14427/21

JEUN 142
EDUC 392
SOC 699
EMPL 524

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13692/21	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ (2019-2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ (2019-2021), kif approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tad-29 u t-30 ta' Novembru 2021.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ
(2019-2021)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET
TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FI ĦDAN IL-KUNSILL

FILWAQT LI JFAKKRU LI

1. Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 tistieden lill-Kummissjoni tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ kull tliet snin.

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW LI

2. L-ewwel rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ (2019-2021) (ir-Rapport) flimkien mad-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjawh ikopri l-ewwel Pjan ta' Ħidma triennali tal-UE għaż-Żgħażaġħ taħt l-Istrateġija attwali tal-UE għaż-Żgħażaġħ, li jkopri żewġ triji ta' presidenzi tal-Kunsill (RO-FI-HR u DE-PT-SI).
3. Ir-Rapport huwa bbażat, fost l-oħrajn, fuq informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-pjattaforma online tal-Wiki taż-Żgħażaġħ, li tipprovdri ħarsa ġenerali komprensiva tal-politiki nazzjonali dwar iż-żgħażaġh fi 32 pajjiż Ewropew.
4. Biex tiġi ppreżentata s-sitwazzjoni globali taż-żgħażaġh fl-UE, l-indikaturi tal-UE dwar iż-żgħażaġh intużaw flimkien ma' dashboard rivedut u indikaturi ta' politika kwantitattivi u kwalitattivi ġodda.
5. Il-Pjanifikaturi Futuri tal-Attività Nazzjonali (FNAPs) kienu sors addizzjonali ta' informazzjoni dwar il-politiki nazzjonali dwar iż-żgħażaġh, inkluż l-implimentazzjoni tal-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ u l-ħtiġijiet ta' kooperazzjoni f'konformità mal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ.

JILQGĦU

6. Ir-Rapport, li, flimkien mad-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjawh, jevalwa l-progress lejn l-oġġettivi u l-prijoritajiet tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ għall-2019-2021 u jkopri l-ewwel Pjan ta' Ħidma triennali tal-UE għaż-Żgħażaġħ taħt l-Istrateġija attwali tal-UE għaż-Żgħażaġħ, inkluż il-preżentazzjoni ta' stampa komprensiva ħafna tas-sitwazzjoni taż-żgħażaġh fl-UE.

JENFASIZZAW LI

7. Is-snin 2020 u 2021 kienu atipiċi, bil-pandemija taffettwa b'mod sever l-implimentazzjoni tal-politiki taż-żgħażaġh, b'mod partikolari proġetti ta' mobilità taż-żgħażaġh. Għalhekk, l-indirizzar tal-impatt tal-pandemija fuq it-tfal u ż-żgħażaġh kien għoli fl-aġenda tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati Membri minn meta faqqgħet il-pandemija. Matul l-aħħar sena, programmi bħall-Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ġew aġġustati sabiex iwieġbu għal dan it-tfixkil billi joffru soluzzjonijiet alternattivi, speċjalment soluzzjonijiet diġitali, għall-attivitajiet tagħhom.
8. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ ġiet affettwata ħafna mill-pandemija fis-snin 2020-2021. Xi azzjonijiet inklużi fil-Pjan ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażaġħ għall-2019-2021 kellhom jiġu mmodifikati, skedati mill-ġdid jew saħansitra kkanċellati. Minkejja li s-settur taż-żgħażaġh jista' jiddependi fuq l-istrumenti żviluppati matul dawn l-aħħar snin, l-impatt tal-pandemija aċċentwa l-ħtieġa ta' adattament għal ċirkostanzi mhux previsti, it-tisħiħ ta' tali għodod u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni eżistenti. Il-proġetti ta' mobbiltà taż-żgħażaġh ġew imfixkla b'mod sever mill-pandemija.
9. L-UE tidher li hija sors ta' ispirazzjoni għal reġjuni oħrajn fid-dinja fir-rigward tal-iżvilupp ta' politiki, programmi u inizjattivi għaż-żgħażaġh, b'mod partikolari fil-viċinat tagħna stess.

JIRRIKONNOXXU LI

10. L-iżgurar li ż-żgħażaġh Ewropej kollha jkollhom aċċess ugwali għall-opportunitajiet u li jingħataw l-appoġġ meħtieġ biex jgħixu, jaħdmu, jitgħallmu u jirnexxu jibqa' fil-qalba tal-kooperazzjoni u tal-politiki tal-UE dwar iż-żgħażaġh. L-istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 u l-Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ tagħha jikkostitwixxu pjan direzzjonali b'saħħtu u b'impatt li jrawwem il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE u jappoġġa l-politiki dwar iż-żgħażaġh kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, u għalhekk huma vitali biex jinkisbu dawn l-għanijiet.
11. L-istabbiliment ta' dan il-qafas ta' politika b'saħħtu, l-iffaċilitat tal-iskambju tal-għarfien u t-tagħlim reċiproku bejn l-Istati Membri, kif ukoll il-finanzjament minn Erasmus+, mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u minn programmi oħra tal-UE dirett lejn it-tliet pilastri strateġiċi "Impenn. Konnessjoni. Għoti tas-setgħa" ser jippermettu lil ħafna żgħażaġh fl-Ewropa biex jilhqqu l-potenzjal sħiħ tagħhom, għall-iżvilupp personali tagħhom u t-tranżizzjoni lejn l-awtonomija, ser jibnu r-reżiljenza tagħhom u jagħtuhom il-ħiliet meħtieġa biex jaffaċċjaw dinja li qed tinbidel, biex ikunu lesti għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u biex jagħtu sura lil futur isbaħ u aktar ġust.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ U FL-ISFERI TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM, BIEX

12. Jintegraw aktar kwistjonijiet relatati maż-żgħażaġh, jiżguraw li t-tħassib taż-żgħażaġh jinstema' u jiġi rispettat aħjar fit-tfassil tal-politika tal-UE u dik nazzjonali u jimmiraw għal sinerġiji u kondivizzjoni tal-għarfien aħjar bejn id-diversi oqsma ta' politika fil-livelli kollha li jaffettwaw liż-żgħażaġh.

13. Ikomplu jtejbu s-sensibilizzazzjoni taż-żgħażaġh minn sfondi differenti, b'mod partikolari ż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet, iż-żgħażaġh b'diżabbiltà u ż-żgħażaġh minn żoni rurali u remoti, u jżidu l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh lil hinn mill-mudelli tradizzjonali ta' rappreżentanza taż-żgħażaġh.
14. Ikomplu jissaħħu l-proċessi tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh u jintroduċu l-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ u l-Pjan ta' Ħidma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2022-2024 inkluż id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ.
15. Jappoġġaw aktar proċessi u inizjattivi ispirati mid-djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ barra l-Unjoni Ewropea, bħas-Sħubija tal-Lvant jew il-Balkani tal-Punent, bil-għan li ż-żgħażaġh ikunu impenjati, konnessi u jingħataw is-setgħa.
16. Jippermettu l-użu effettiv tal-programmi u l-fondi tal-UE bħall-Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, Orizzont Ewropa, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, l-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, eċċ. biex jappoġġaw bosta oqsma ta' politika li jaffettwaw liż-żgħażaġh b'enfasi fuq ir-reżiljenza u l-irkupru taż-żgħażaġh u s-settur taż-żgħażaġh fi żminijiet ta' wara l-COVID.
17. Jimplimentaw, b'mod effettiv u b'effett dejjiemi, is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022 biex ikomplu jstimulaw liż-żgħażaġh Ewropej biex jippreżentaw kontributi u għarfien li jistgħu jagħtu forma lill-iżvilupp u lis-soċjetà tal-Unjoni b'mod ġenerali.
18. Iżidu l-isforzi biex iż-żgħażaġh jiġu involuti f'inizjattivi Ewropej ewlenin, bħall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u l-inizjattiva New European Bauhaus, li jindirizzaw kwistjonijiet rilevanti għaż-żgħażaġh u l-futur tagħhom.